



Kundizzjonijiet tax-xogħol fl-amministrazzjoni ċentrali pubblika

Sommarju eżekuttiv

Introduzzjoni

Matul l-aħħar ftit deċenji, il-ħaddiema fl-amministrazzjoni pubblika ħabbtu wiċċhom ma' għadd ta' riformi strutturali ta' modernizzazzjoni f'qafas spiss imsejjaħ bħala 'għestjoni pubblika ġdida'. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja fissret żieda qawwija fid-dejn pubbliku, u dan wassal sabiex ħafna awtoritajiet bdew jippruvaw inaqqsu n-nefqa pubblika billi jintroduċu ffriżar u tnaqqis fil-pagi u x-xogħol għall-ħaddiema taċ-ċivil.

Id-definizzjoni ta' amministrazzjoni ċentrali pubblika (CPA) mhijiex ċarissima, u tvarja skont kull pajjiż u l-kuntest storiku, kulturali u politiku tiegħu. B'mod ġenerali, il-kunċett jirreferi għal dawk l-organiżmi, il-korpi u l-istituzzjonijiet amministrattivi li joperaw fl-livell ċentrali jew nazzjonali u għandhom dipendenza ġerarkika fuq it-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi (is-soltu ministeri). Jinkludi wkoll korpi dekonċentrati kemm fil-livell reġjonali kif ukoll lokali, li jitnissu mit-trasferiment ta' funzjonijiet amministrattivi meta korpi ċentrali amministrattivi jiġu rilokati f'żoni ġeografiki differenti. Madankollu, f'pajjiżi federali jew ferm reġjonalizzati, is-CPA ġeneralment tinkludi biss l-amministrazzjoni federali jew tal-istat, sabiex l-impjeggi fis-CPA jammontaw biss għal parti relattivament żgħira tal-ħaddiema pubbliċi kollha.

Dan ir-rapport jagħti ħarsa ġenerali lejn il-kawżi u r-raġunijiet ewlenin għall-bidla fis-CPA fl-Istati Membri tal-UE u n-Norveġja, l-impatt tagħhom fuq il-kundizzjonijiet tal-għajxien tas-settur, u kif inhi mistennija tevolvi s-sitwazzjoni.

Kuntest tal-politika

Is-CPAs ta' ħafna mill-pajjiżi Ewropej (u l-amministrazzjoni pubblika u s-settur pubbliku iġenerali) għaddejjin minn proċessi ta' riforma u trasformazzjoni qawwijin. Filwaqt li wħud minn dawn il-bidliet kienu kkaġunati mill-kriżi ekonomika u finanzjarja (miżuri ċikliċi), uħud mir-riformi strutturali ġew implimentati matul l-aħħar ftit deċenji. Ir-riformi ta' modernizzazzjoni kellhom l-għan li jiksbu orjentazzjoni ċara lejn iċ-ċittadin (il-klijent) fil-forniment

ta' servizzi, effiċjenza ikbar fil-forniment tagħhom u kwalità aħjar. Spiss, ir-riformi ġabu magħhom ukoll il-privatizzazzjoni u l-liberalizzazzjoni ta' ċerti servizzi u l-esternalizzazzjoni ta' oħrajn. Anki l-kunċett tas-settur pubbliku nnifsu qed jevolvi minħabba dawn il-bidliet fl-organizzazzjoni u l-forniment tas-servizzi.

Minbarra dawn ir-riformi strutturali, il-kriżi wasslet għal strateġiji primarjament ibbażati fuq miżuri ta' tnaqqis tal-ispejjeż u kosteffiċjenza li ġabu magħhom xi deterjorament fil-kundizzjonijiet tax-xogħol. Fl-Istati Membri sar ukoll tentattiv sabiex jiġu allinjati l-prattiki tax-xogħol ma' dawk tas-settur privat.

Eżempji ta' dawn il-miżuri jinkludu:

- tnaqqis fil-livelli tal-impjeggi, billi jiġi limitat ir-reklutaġġ ta' persunal ġdid, is-sostituzzjoni ta' ħaddiema taċ-ċivil u ħaddiema pubbliċi li daqt jirtiraw, u l-użu ta' ħaddiema pubbliċi u temporanji biex jimlew il-pożizzjonijiet tal-ħaddiema taċ-ċivil;
- miżuri relatati mal-ħin tax-xogħol, inkluża estensjoni tal-ħajja tax-xogħol u limitazzjonijiet fl-iskemi ta' rtirar bikri, bidliet restrittivi fis-sistemi tal-liv jew flessibilità ikbar fil-ħin tax-xogħol;
- iffriżar u tnaqqis fil-livelli tal-pagi, inklużi ffriżar dirett tal-pagi u tnaqqis f'oqsma oħrajn relatati mad-dħul, bħal bonusijiet, bidliet fil-liv tal-mard jew fil-pensjonijiet.

Sejbiet ewlenin

Daqs tas-CPA madwar l-Ewropa

Fl-UE27 u n-Norveġja, hemm madwar 9.7 miljun ħaddiem fis-CPA, bi tliet Stati Membri (Franza, l-Italja u r-Renju Unit) li jħaddmu l-iktar (2.4 miljun, 1.9 miljun u 1.8 miljun ħaddiem, rispettivament). Dawn iċ-ċifri jridu jiġu interpretati bri-reqqa peress li s-sehem tas-settur pubbliku, u b'mod partikolari tas-CPA, fl-impjeggi totali jvarja b'mod notevoli bejn il-pajjiżi, skont fatturi nazzjonali.

Xejra fl-impjeggi

F'ħafna pajjiżi, ix-xogħol fis-CPA esperjenza tnaqqis notevoli fl-aħħar ħames sa seba' snin, b'mod partikolari minħabba l-kriżi ekonomika. Madankollu, ix-xejriet iridu jinqraw bir-reqqa, peress li hemm differenzi nazzjonali importanti. Skont id-dejta disponibbli, mill-2005, in-numru ta' ħaddiema fis-CPA żdied f'9 Stati Membri u naqas f'14.

Karatteristiċi tal-forza tax-xogħol

F'ħafna pajjiżi, il-ħaddiema taċ-ċivil (li għalihom ir-relazzjoni tax-xogħol hija rregolata mil-liġi pubblika) jirrappreżentaw l-ikbar sehem ta' ħaddiema fis-CPA (normalment iktar minn 60% tat-total), ferm ikbar min-numru ta' ħaddiema pubbliċi (irregolati mil-liġi privata). Madankollu, f'ħafna mill-pajjiżi tista' tiġi identifikata wkoll xejra ta' tnaqqis tan-numru ta' ħaddiema taċ-ċivil. Id-dejta disponibbli tindika preżenza relattivament ibbilanċjata sew ta' nisa f'xogħlijiet fis-CPA fi kważi l-pajjiżi kollha.

Kif jikkumparaw ma' xulxin il-kundizzjonijiet tax-xogħol

B'mod ġenerali, il-ħaddiema pubbliċi għandhom kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar minn gruppi oħrajn ta' ħaddiema. F'ħafna Stati Membri, ix-xogħol fl-amministrazzjoni pubblika jitqies bħala iktar sikur u attraenti mix-xogħol f'kumpaniji tas-settur privat, bil-ħaddiema li għandhom probabbiltà ikbar li jgawdu minn:

- ħinijiet tax-xogħol regolari (bil-flessibilità li jadattaw il-ħin tax-xogħol għall-ħtiġijiet personali);
- livelli ferm għoljin ta' rappreżenazzjoni tal-impjegati;
- opportunitajiet aħjar għal taħriġ imħallas mill-impjegatur jew fuq ix-xogħol;
- inqas esposti għal riskji fiżiċi;
- paga aħjar;
- sodisfazzjon tax-xogħol ogħla.

Minkejja dan, f'xi pajjiżi, il-ħaddiema tas-CPA jidher li għandhom volumi ikbar ta' xogħol, remunerazzjoni inqas u huma iktar esposti għal vjolenza u aggressjoni. Barra minn hekk, jidher li huma partikolarment esposti għal bidliet organizzazzjonali u juru livelli għoljin ta' assenteiżmu għal raġunijiet ta' saħħa.

L-impatt tar-riformi fuq il-kundizzjonijiet tax-xogħol

Ir-riformi ċikliċi relatati mal-kriżi ekonomika u l-għanijiet tat-tnaqqis tad-defiċit tal-istat wasslu għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġenerali aġġar fis-settur pubbliku. Hemm bosta eżempji f'ħafna mill-Istati Membri ta' żieda fil-ħin tax-xogħol, il-volumi tax-xogħol u l-livelli assoċjati ta' stress, żviluppi negattivi fil-pagi, u tnaqqis fit-taħriġ u l-attivajiet ta' żvilupp tal-kompetenzi.

Ħarsa lejn il-ġejjieni

Il-prospettivi huma qarsa. Fuq il-bażi tal-issoktar mistenni tal-politiki ta' konsolidazzjoni fiskali, bosta awtoritajiet pubbliċi nazzjonali ppreżentaw pjanijiet relatati mal-ħaddiema pubbliċi iġġenerali u ħaddiema tas-CPA b'mod partikolari. Aktarx li dawn ser ikomplu jħallu impatt negattiv kemm fuq in-numru ta' ħaddiema pubbliċi kif ukoll il-kundizzjonijiet tax-xogħol assoċjati tagħhom fis-snin li ġejjin.

Indikazzjonijiet tal-politika

Minn din is-sitwazzjoni nibtu dibattiti jaħarqu fuq l-istatus tal-ħaddiema u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-CPA u l-amministrazzjoni pubblika iġġenerali. F'bosta pajjiżi, dawn iffokaw fuq il-ġustizzja ta' regolament speċifiku li japplika għall-ħaddiema fis-CPA u jekk hemmx b'żonn, u l-istatus suppost 'privileġġat' tal-ħaddiema pubbliċi meta mqabblin mal-ħaddiema fis-settur privat.

Ħafna mill-impjegati fis-CPA ħassewhom dejjem iktar taħt pressjoni minn dawn id-dibattiti, speċjalment fi żmien fejn il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom se jrin lura.

Id-deterjorament tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-CPA f'ħafna pajjiżi Ewropej qed jikkontribwixxi wkoll għal diverġenza dejjem ikbar bejn l-imsieħba soċjali. Filwaqt li b'mod ġenerali l-unjins jaqblu mal-ħtieġa ta' tnaqqis tal-ispejjeż biex tiġi indirizzata l-kriżi, spiss imaqdru l-fatt li s-servizz ċivili safa fil-mira ewlenija għal dan. L-unjins jargumentaw ukoll li numru importanti ta' tnaqqis ta' impjeggi jfisser li huwa impossibbli li tiġi żgurata t-tmexxija bla intoppi tal-funzjonijiet kollha tal-amministrazzjoni pubblika minħabba tibdil kbir tal-persunal, nuqqas ta' ħaddiema u motivazzjoni baxxa tal-persunal.

Minħabba l-kuntest ekonomiku diffiċli u d-diverġenza ta' opinjonijiet, il-komunikazzjoni bejn it-trejdjunjins u l-gvernijiet tidher li qed issir dejjem iktar ikkumplikata f'ħafna mill-pajjiżi, u b'hekk id-djalogu soċjali huwa mhedd, b'uħud mill-gvernijiet li qed imorru lura għal teħid ta' deċiżjonijiet unilaterali.

Il-gvernijiet Ewropej ser ikollhom kompitu diffiċli fir-rikonċiljazzjoni tal-miri tagħhom ta' titjib fil-kontijiet pubbliċi u fiż-żieda fl-effiċjenza u s-sostenibilità tal-amministrazzjoni pubblika, mal-b'żonn li jżommu settur pubbliku effettiv ipprovdut minn nies b'kundizzjonijiet tax-xogħol xierqa.

Aktar informazzjoni

Ir-rapport dwar il-*Working conditions in central public administration* (Kundizzjonijiet tax-xogħol fl-amministrazzjoni ċentrali pubblika), huwa disponibbli fuq <http://www.eurofound.europa.eu/ewco/studies/tn1303013s/index.htm>

Għal iktar informazzjoni, ikkuntattja lil Isabella Biletta, Maniġer tar-Riċerka, fuq: ibi@eurofound.europa.eu